MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 46/2011/1

**Philip Camilleri**

**v.**

**Rose Camilleri**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija fil-21 ta' Marzu 2013 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tieghu, fosthom dik ghac-cessazzjoni tal-obbligu tieghu li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' LM20 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha, kif ordnat minn dik l-istess Qorti fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2005[1] u dan minhabba tibdil kemm fil-mezzi tieghu kif ukoll fil-bzonnijiet tal-konvenuta.

2. Permezz tal-appell odjern l-attur qed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tithassar dik il-parti fejn it-talbiet tieghu gew michuda, u, minflok, tilqa' l-istess talbiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

3. Min-naha taghha l-konvenuta ma prezentatx risposta ghar-rikors tal-attur.

**L-Appell**

4. Dan jikkonsisti f'aggravju wiehed u hu dirett lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

5. L-attur isostni li dik il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta skartat minhabba nuqqas ta' provi l-allegazzjoni tieghu li, rizultat ta' incident li sehh wara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 li permezz taghha hu kien gie ordnat li jhallas lil martu manteniment ghaliha ta' LM20 fil-gimgha, huwa sofra

[1] Konfermata minn din il-Qorti b'sentenza tas-27 ta' Jannar 2006.

dizabilita` ta' 3% rizultat ta' incident li kellu u safa fl-impossibilita` li jkompli jahdem jew isib impieg li jirrendilu introjtu, tant li kien beda jircievi pensjoni tal-invalidita` ta' €11 fil-gimgha.

6. L-attur isostni wkoll li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li, filwaqt li meta nghatat l-imsemmija sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 il-konvenuta kienet qeghda tahdem *part-time* u ghalhekk kellha introjtu limitat, mill-provi fil-kawza odjerna jirrizulta *ex admissis* mill-konvenuta li sussegwentement din bdiet tahdem *full time* b'introjtu ta' circa €1,000 netti fix-xahar.

**Is-Sentenza Appellata**

7. Din, fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "L-attur fl-ewwel lok isostni illi minn meta inghatat is-sentenza li permezz taghha gie kkundannat ihallas manteniment id-dhul tieghu naqas drastikament.
>
> "L-attur isostni li meta inghatat is-sentenza huwa kellu impieg li tilef ftit zmien wara s-sentenza b'konsegwenza ta' incident li sofra fuq il-post tax-xoghol. Huwa jghid li minn dak iz-zmien beda jirregistgra u li hekk ghadu jaghmel sa llum u li l-unika introjtu li ghandu huwa ta' hdax-il ewro fix-xahar. Huwa jkompli jghid li minhabba d-dizabilita' li sofra qed isibha difficli li jsib impieg.
>
> "Minn ezami tas-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 jirrizulta li qabel l-allegat incident l-attur mhux impjegat kien izda kien jahdem ghal rasu bhala bajjad. Il-Qorti fliet sew il-provi akkwiziti fil-kawza odjerna u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-attur ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat. Jsostni l-attur li konsegwenza ta' incident li sofra huwa spicca bla xoghol. Ma ressaq l-ebda prova dwar dan l-allegat incident u dwar id-dizabilita' li allegatament sofra b'konsegwenza tal-istess. L-unika hjiel li jaghti l-attur huwa fit-tieni affidavit tieghu meta xhed li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%). Ma ressaq l-ebda prova li ilu jirregistra madwar seba' snin kif qed jallega. Huwa mistenni li meta wiehed ikun qed jirregistra jigi lilu offert xoghol. L-attur naqas milli jressaq bhala xhud lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali li suppost skont l-attur ghamel l-investigazzjonijiet necessarji dwar il-fakoltajiet lavorativi tal-attur. Dan fil-fehma tal-Qorti ma kienx bi zvista. L-attur mill-ewwel ma kienx behsiebu jtella provi f'dan ir-rigward tant li d-Direttur tas-Sigurta' Socjali, li suppost skont l-attur qed jipprovdilu l-unika dhul tieghu, lanqas biss gie indikat fil-lista tax-xhieda tieghu.

"Jallega l-attur li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija li qed timpedih milli jsib xoghol. Anke f'dan ir-rigward, meta suppost dan kollu sehh qabel giet intavolata l-kawza odjerna, mhux biss l-attur ma tella l-ebda prova ta' natura medika, talli lanqas biss indika bhala xhud lit-tabib li ikkurah u lanqas l-isptar fejn sarulu l-interventi kirurgici.

"Dan kollu jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi f'dawn il-proceduri l-attur kien xhieh mal-verita'. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attur ma hux qed jghid il-verita' meta jallega li mhux qed jahdem. Tenut kont li fiz-zmien li inghatat is-sentenza dwar il-manteniment l-attur kien jahdem ghar-rasu bhala bajjad kien fid-dover tieghu li jressaq provi li ma setghax ikompli jahdem ta' bajjad u mhux semplicement allegazzjoni mhux korroborata li sofra dizabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija. Anke *dato non concesso* li l-attur ressaq provi sodisfacenti li sofra tali dizabilita', hija l-fehma tal-Qorti illi dizabilita' ta' 3% ma twassalx li persuna titlef il-kapacita' lavorativa taghha. L-attur jghid li ilu snin jirregistra ghax-xoghol. Appena huwa necessarju jinghad li l-fatt li wiehed ikun qed jirregistra ghax-xoghol ma hijiex l-aqwa prova li wiehed mhux qed jahdem.

"Dwar jekk kienx hemm kambjament fil-bzonnijiet tal-konvenuta l-attur jikkontendi illi gjaladarba il-konvenuta bidlet l-impieg taghha minn wiehed *part-time* ghal wiehed *full-time*, allura hija ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisiha u ghalhekk l-obbligu tieghu li jmanti lill-martu ghandu jigi terminat.

"Jirrizulta li meta l-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet inversi ordnat lill-attur ihallas lill-konvenuta manteniment, il-konvenuta, allura attrici f'dik il-kawza, kienet diga' qed tahdem. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta bidlet l-impieg taghha u kellha zieda fis-salarju ghaliex bdiet tahdem *full-time* u mhux aktar *part-time*. Il-Qorti fis-sentenza taghha kienet diga' hadet in konsiderazzjoni li l-konvenuta kienet qed tippercepixxi salarju. Rilevanti wkoll jigi konstatat min kien gie dikjarat hati ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet fis-sentenza li ordnat lill-attur ihallas manteniment lill-martu. Dan ghaliex l-artikolu 54 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

> "Il-parti li kontra tagħha tinqata l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skont id-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu."

"Il-fatt li fil-kawza tas-separazzjoni l-attur kien gie dikjarat mill-Qorti bhala unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ghandu konsegwenzi anke f'dak li jirrigwarda l-manteniment dovut minnu lill-martu.

"L-argument tal-attur huwa illi gialadarba l-konvenuta llum il-gurnata ghandha impieg *full-time* li jiprovdilha dhul, allura l-obbligu tieghu li jhallasha l-manteniment precedentement ordnat mill-Qorti ghandu jigi terminat. Fil-fehma tal-Qorti din ma hijiex il-posizzjoni *ex lege.*

"L-artikolu 54 (e) tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi meta Qorti tigi biex tiddeciedi talba ghall-manteniment, u allura anke talba ghat-terminazzjoni jew riduzzjoni ta'

manteniment gia' stabbilit, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni fost affarijiet ohra:

> "jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;"

"Il-partijiet kellhom hamest itfal. Fl-affidavit taghha l-konvenuta tispjega li meta inghatat is-sentenza tas-separazzjoni it-tfal kienu ghadhom kollha minorenni. Tghid hekk: "… jiena rabbejthom wahdi bil-manteniment mizeru li jiena kont nithallas ta' Lm45 fil-gimgha ghal hamest itfal kif ghidt." (fol. 53). Jirrizulta ghalhekk illi filwaqt li l-attur kien misjub unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, il-konvenuta sfat bil-piz fuqha li trabbi hamest itfal minuri wahedha hlief ghall-manteniment li l-attur kien kundannat li jhallas.

"Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula l-obbligu tal-attur li jhallas il-manteniment lill-konvenuta kif stabbilit b'sentenza precedenti m'ghandux jigi terminat jew ridott."

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

8. Fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li mar-rikors tal-appell tieghu l-attur annetta tlett fotokopji ta' dokumenti, wiehed intestat *"Case Summary"* mahrug mill-Isptar San Luqa fis-17 ta' Mejju 2003, u t-tnejn l-ohra datati 24 ta' Dicembru 2011 u 13 ta' Gunju 2012, rispettivament, li jidhru li huma ittri mahruga mid-dipartiment tas-Sigurta` Socjali. Din il-Qorti tenut kont li dawn huma kopji fotostatici mhux awtentikati tosserva li dawn m'ghandhomx valur probatorju u ghalhekk qed tiskartahom.

9. Fit-tieni lok, tosserva li ghalkemm dawn id-dokumenti jirrisalu ghall-perjodu li fih l-istadju tal-provi quddiem l-ewwel Qorti ma kienx ghadu maghluq[2] u ghalhekk l-attur kellu kull opportunita` li jipprezentahom ghall-iskrutinju tal-ewwel Qorti, huwa naqas milli jaghmel dan, u minflok, issa qed

[2] Fil-fatt dan l-istadju kien gie dikjarat maghluq fl-udenza tal-24 ta' Jannar 2013 [fol.106]

isostni li hu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma tatx affidament lill-allegazzjoni tieghu li minhabba l-incident li kellu huwa m'huwiex fil-pozizzjoni li jonora l-obbligazzjoni imposta fuqu mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li jhallas lill-konvenuta manteniment ghaliha fl-ammont ta' LM20 fil-gimgha. Min jallega jrid jipprova l-fatt minnu allegat, u ghalhekk meta l-attur ghamel dik l-allegazzjoni huwa addossa fuqu l-oneru li jressaq provi sufficjenti biex isostnu l-allegazzjoni tieghu. Huwa pero` naqas li jaghmel dan, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta fil-konsiderazzjonijiet taghha in propozitu osservat li l-attur naqas milli jressaq dokumenti, bhal per ezempju certifikat mediku, u xhieda mid-dipartiment tas-Sigurta` Socjali biex isostni l-verzjoni tieghu li ma setax ikompli jahdem. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti din setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, u cioe` li ma giex provat li l-attur m'ghadux jahdem bi qliegh. Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija nfondata.

10. Rigward it-tieni parti tal-aggravju li tikkoncerna l-introjtu tal-konvenuta, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005 meta l-ewwel Qorti kienet stabbiliet manteniment ghaliha fl-ammont ta' LM20 fil-gimgha hija hadet in konsiderazzjoni li l-attrici f'dak iz-zmien kellha introjtu, izda kif qalet l-istess Qorti l-introjtu taghha f'dak iz-zmien kien gej minn impieg *part-time*[3]; filwaqt li fil-kawza odjerna rrizulta manifest li, wara dik is-sentenza, u precizament fit-3 ta' Jannar 2007[4] il-konvenuta bdiet tahdem *full-time* b'introjtu nett mensili ta' bejn €950 u €1,000. Dan gie ukoll konfermat

[3] Fol.18 [pga.13 tas-sentenza].
[4] Fol.94 – Dok. ETC1.

minnha fid-depozizzjoni[5] li tat in kontro-ezami fil-11 ta' Lulju 2012. Ghalhekk wara dik is-sentenza kien hemm tibdil sostanzjali fil-pozizzjoni finanzjarja tal-konvenuta li jimmerita li terga' tigi ezaminata s-sitwazzjoni finanzjarja taghha.

11. L-Artikolu 54 [9] tal-Kap.16, applikabbli ghal kaz odjern, fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-kaz…"

12. Fil-kaz odjern jirrizulta li llum il-konvenuta ghandha salarju adegwat li bih tista' taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-bzonnijiet taghha, *multo magis* meta t-tfal tal-partijiet illum huma kollha maggjorenni u ma hemm xejn li jostakola lill-attrici li tahdem, kif fil-fatt qeghda taghmel, f'impieg regolari b'introjtu adegwat. Ghalhekk fil-fehema ta' din il-Qorti f'dan il-kaz hemm nieqes ir-rekwizit tal-element ta' bzonn da parti ta' min qed jircievi l-manteniment li jaghtih id-dritt li jkompli jircievi l-istess manteniment.

13. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju tal-attur hija fondata, u tenut kont l-introjtu regolari u adegwat tal-konvenuta, it-talba attrici ghal dikjarazzjoni gudizzjarja tac-cessazzjoni ta' dan l-obbligu kellha tigi milqugha.

**<u>Decide</u>**

[5] Fol.99.

Ghar-ragunijiet premessi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta u cahdet it-talbiet attrici, u, minflok tilqa’ t-tieni u t-tielet talba, u *rebus sic stantibus* tordna l-waqfien tal-obbligu tal-attur li jissomministra manteniment lill-konvenuta.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell odjern jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------